MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 333/1992/1

**John Ghigo**
**vs**
**Bartolomeo Sammut, Pawlu Sammut, Peter Sammut, Nazzareno sive Leslie Sammut, u Carmelo sive Charles Sammut**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fis-26 ta’ Marzu, 1992, li *in forza* taghha, wara li ippremetta:

Illi l-kontendenti jippossedu *pro indiviso* bejniethom l-għelieqi u artijiet li huma msemmija fl-anness Dokument X, att ta' bejgħ ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin fid-29 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) liema għelieqi u artijiet huma murija fil-pjanta annessa bħala Dok B mal-att;

Illi bl-Att imsemmi l-istanti kien xtara s-sehem, mill-proprjetà msemmija, li kellu l-mejjet Nutar Carmelo

Giuseppe Vella , u ċioè in-nofs indiviż tal-proprjetà – in-nofs l-ieħor tal-konvenuti;

Illi l-istanti ma jridx li jibqa' f'dan l-istat ta' komunjoni mal-konvenuti;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'għandhiex:-

(1) tordna li l-proprjetà msemmija tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi;
(2) li waħda minn dawn il-porzjonijiet tiġi, b'assenjazzjoni jew mod ieħor indikata u dikjarata bħala proprjetà esklussiva ta' l-istanti u l-oħra proprjetà tal-konvenuti;
(3) tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Awissu 1991 kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi huma jopponu t-talba attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni stante li fost il-proprjetajiet li tagħha l-attur qed jitlob id-diviżjoni hemm proprjetà, li tiġi aħjar identifikata waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li l-istess attur m'għandux sehem minnha u li tappartjeni esklussivament lill-eċċipjenti Bartolomeo u Paolo aħwa Sammut;

Bla preġudizzju għal-premess, kemm il-darba t-talbiet attriċi jiġu limitati għal dawk il-proprietajiet li verament huma di proprieta komuni tal-kontendenti, allura l-eċċipjenti ma jopponux li ssir id-diviżjoni opportuna basta li huma (a) jibqgħu jikkoltivaw u jużaw a skopijiet ta' kaċċa l-istess għelieqi, inklużi dawk il-partijiet li eventwalment

jiġu assenjati lill-attur, sakemm jinħarġu permessi għall-bini, u dana in konformità ma' ftehim eżistenti bejn l-istess kontendenti u (b) li in segwitu fil-mument tar-rilaxx tas-sehem assenjat lil attur, huma jiġu kompensati adegwatament għal-benefikati minnhom magħmula fl-għelieqi di proprieta' komuni;

Salvi eċċezzjoni oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Gunju 1992 li permezz tieghu hatret lil Dr Giannino Caruana Demajo bhala perit legali bl-assistenza tal-Perit Frederick Doublet bhala perit tekniku, bis-soliti fakultajiet;

Rat illi l-Qorti issostitwiet lill-perit legali b’Dr Tonio Mallia, bl-istess fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar 2002 li permezz tieghu issostitwiet lill-perit legali b’Dr Anthony Ellul, bl-istess fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Frar, 2007 li permezz tieghu il-perit legali gie sostitwiet b’Dr Mark Portelli, bl-istess fakultajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr Mark Portelli u ir-rapport tal-perit tekniku Frederick Doublet minnhom ipprezentati u ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta tal-5 ta’ Gunju 2007;

Rat illi minkejja li inghataw l-opportunita sabiex jipprezentaw noti ta’ sottomissjonjiet, il-partijiet ma ipprezetnawx noti;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet illi ghalihom waslu il-Periti Gudizzjarji minnha mahtura il-Qorti qeghda taddotta l-imsemmija relazzjonijiet taghhom u taghmilhom bhala taghha.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attur kien xtara l-art in kwistjoni wara illi mar ghand il-Patrijiet Agostinjani illi kellhom parti mill-art in kwistjoni u kien kellem lil certu Patri Giulio Bonnici, ekonomu tal-Provincja Agostinjana. L-attur kien ra ir-reġistri antiki li fuqhom tidher l-art in kwistjoni. Qabel ma sar il-kuntratt l-attur mar darba wahda fuq l-art. Hu kien mar fuq il-post mas-sensal Mario Vassallo u mal-Perit Emmanuel Agius li kien qabbdu hu stess bhala l-Perit tieghu izda jidhirlu li mill-bejjiegħa ma kien hemm ħadd. Huwa xehed illi jiftakar li kien hemm xi hadd biex jirihom l-art u jista jkun li kien hemm preżenti il-konvenut Bartolomeo Sammut.

Illi xehed is-sensal Mario Vassallo u qal ili kien jaf illi kien hemm l-art ghall-bejgh u li l-attur kien interessat li jixtri artijiet u ghalhekk kien qallu bl-art in kwistjoni. Qabel ma laqqa lill-partijiet kien mar fuq l-art. Vassallo kompla jixhed illi waqt in-negozjati bejn Ghigo u l-awturi tiegħu sar jaf li l-art kienet oriġinarjament tal-Patrijiet Agostinjani u wara illi sar il-bejgħ mar fuq l-art mal-Perit Agius u ma' l-attur u kien hemm prezenti il-konvenuti Sammut li bdew jindikaw l-art li xtara l-attur. Sussegwentement sar jaf illi kienet inqalgħet kwistjoni bejn il-partijiet għaliex Ghigo kien jippretendi li l-art li xtara kienet tinkludi bicca art illi l-konvenuti ippretendew li kienet tagħhom. Wara li inqalghet din il-kwisjtoni Vassallo xehed illi mar flimkien ma l-attur għand il-Patrijiet u kellmu lil Patri Giulio Bonnici li kien urihom xi pjanti.

Illi xehed Patri Giulio Bonnici, il-prokuratur tal-Provincja Agostinjana f'Malta, u b'referenza ghall-art imsemmija fil-kuntratt Dokument X, huwa qal illi kienet tal-provincja Agostinjana u li kienet ingħatat b'cens temporanju b'kuntratt tas-6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert

Girard u ghall-Provincja kien deher Patri Albert Borg. Patri Bonnici kompla jixhed illi l-art kienet f'idejn il-Provincja sa minn qabel l-1715. Huwa xehed illi dak kollu li jaf jafu permezz ta’ dokumenti li ghandu f'idejh.

Illi xehed Patri Albert Borg li kien l-amministratur tal-Provincja Agostinjana qabel Patri Giulio Bonnici. Huwa ftakar illi l-akkwirent meta sar il-kuntratt tas-6 ta’ Jannar 1961 kien in-Nutar Carmelo Vella u kien deher ukoll Bertu Sammut, wieħed mill-konvenuti. Patri Borg kompla jixhed illi il-Provincja kellha art aktar minn dik li tifforma mertu ta’ din il-kawza. Parti mill-art ghadha tal-Provincja u parti inbieghet u fil-passat din l-art li inbieghet kienet imqabbla lil Bertu Sammut.

Illi l-attur kompla jixhed illi qabel ma inqalghet il-kwistjoni ma kienx jaf lill-konvenut Bartolomeo Sammut. Huwa qatt ma ftiehem ma Sammut u qatt ma innegozja mieghu. L-attur qal illi sar jaf illi Sammut kien b’xi mod involut fil-kwistjoni ghaliex Joseph Vella Gaffiero, li kien fit-trattattivi mieghu, kien qallu li mieghu kien hemm Bartolomeo Sammut li kellu sehem fl-art. Qabel huwa kien jahseb li l-art kienet ta’ Vella Gaffiero biss. Sussegwentement Bartolomeo Sammut qallu li anke huh Pawlu kellu sehem. L-ahwa Sammut ma riedux ibieghu sehemhom u ghalhekk huwa akkwista in-nofs indiviz illi kellu Vella Gaffiero. L-attur kompla jixhed illi qatt ma kellu kwistjonijiet dwar il-konfini hlief ghall-kawza odjerna, illi kellu jaghmilha ghaliex il-konvenuti bdew ighidu illi huwa ma kellux dritt fuq bicca art illi huwa akkwista, wara illi n-Nutar Joseph Darmanin kien qallu illi anke dik il-bicca kienet inkluza fl-art illi huwa xtara. L-attur xehed ukoll illi huwa ma ghamel l-ebda benefikat fuq l-art. Jaf illi fl-inhawi hemm razzett, izda ma jafx ta’ min hu u lanqas jaf xejn rigward drittijiet ta’ passaggi fl-inhawi.

Illi xehed il-konvenut Pawlu Sammut u wara li gie muri l-pjanta Dok BS 1 qal illi dwar din ix-Xagħra tal-'Wied tad-Duda', indikata bl-isfar, din l-art hija maqsuma f'żewġ biċċiet imissu ma' xulxin. L-art 'Ta Felicia', li raha immarkata b'kulur aħdar fuq il-pjanta, fiha circa hamest itmiem u taht din l-għalqa, hemm ghalqa oħra li jgħidulha

id-'Dar l-Abjad', li hi indikata bil-kulur ahmar fuq l-istess pjanta. Huwa xehed illi hemm ghalqa ohra indikata bil-kulur blu li jghidulha ta' 'Quddiem ir-Razzett'. Dwar l-artijiet 'tad-Dahar l-Abjad' u 'ta Quddiem ir-Razzett', huwa xehed illi kien akkwista dawn l-artijiet l-ewwel huh bi shab man-Nutar Vella u eventwalment, hu xtara mingħand huh nofs sehemu, cioe' kwart ta' l-art kollha. Sussegwentement b'kuntratt tan-Nutar Angelo Sammut tat-23 ta' Settembru 1991, ittrasferixxa is-sehem indiviz tieghu ta' dawn l-artijiet lill-uliedu Peter u Carmelo sive Charles izda dan b'referenza ghaz-zewg porzjonijiet ikkuluriti bil-blu u bl-ahmar fuq il-pjanta Dok BS1 – u mhux il-parti kulurita bl-orango li dwarha hemm kwistjoni. Dwar ir-razzett li jidher bejn il-porzjonijiet orangu u blu il-konvenut xehed li dawn kienu ta' missieru, u r-raba' li jmissu mieghu kienu ukoll ta' missieru. Huwa xehed illi d-dhul ghall-ghalqa 'tad-Dahar l-Abjad' hu minn passagg li jghaddi minn gol-parti l-orango u li l-ghalqa ta' taht il-parti indikata bl-orango hija tal-patrijiet ta' Santu Wistin.

Illi l-konvenut Pawlu Sammut kompla jixhed illi dwar il-bicca art kulurita bl-isfar fuq il-pjanta hu u huh Bertu u l-werrieta ta' hutu Salvu Sammut, Giuzeppa mizzewga Cilia, Carmena mizzewga Agius, u Giuzeppi Sammut huma l-proprjetarji ta' din l-art kulurita bl-isfar. Skond ix-xhud din l-art wirtuha mingħand missierhom Pietru Sammut u irrefera għad-denunzja li qeghda esebita a fol. 39 sa fol. 43 tal-process. Dwar l-artijiet kollha indikati fil-pjanta a fol. 17 tal-process kien jaħdimhom kollha missieru u huma l-ahwa wkoll. Il-konvenut kompla jixhed illi dwar l-art immarkata bl-isfar din ma ghandhiex tkun parti mid-divizjoni ghaliex tappartjeni lill-konvenuti biss. Huwa qal illi mill-isqaq kienu jghaddu bil-karettun ta' wiesa' ta' seba' (7) piedi. Il-konvenut kompla jixhed illi fil-gwerra zewġ bombi kienu tajjru bicca mis-saqaf u fejn waqghu il-balal kienu wittewh u bnew garaxx imsaqqaf biz-zingu u dan fejn kien hemm l-isqaq u wessawh aktar mill-isqaq, umbagħad fethu fetħa mit-trejqa u bdew jgħaddu min-nofs l-għalqa ta' kulur isfar. Mill-isqaq għadu jidher minn vicin il-garaxx ta' l-għalqa "Id-Dahar l-Abjad". Il-ħitan ta' l-isqaq huma ta' gholi varjat, wieħed għola mill-ieħor. Minn go l-isqaq kienu jgħaddu bir-rigel minn fuq l-

ghalqa kulur isfar ghar-razzett, izda normalment biex jidhlu fl-ghalqa immarkata bl-isfar kienu jgħaddu mir-razzett illi l-Perit Tekniku immarka b'"X" fuq il-pjanta. Il-konvenut kompla jixhed illi fejn il-perit Tekniku immarka b'cirku żghir u l-ittra "Y" fuq il-pjanta kien hemm bir li huma kellhom dritt jieħdu l-ilma minnu u kienu jaqsmu l-isqaq mill-għalqa kulurita bl-isfar u jgħaddu minn fetħa fil-ħajt ta' l-isqaq tan-naħa ta' nofsinhar għall-bir. Huwa xehed illi bejn il-parti s-safra u "Id-Dahar l-Abjad" kien hemm hajt tas-sejjiegh li tar bil-gwerra, umbagħad wittew l-hamrija u giet haġa wahda izda kien baqa' tracci tal-hajt. Ma kienx hemm fetha ghall-ghalqa "Id-Dahar l-Abjad".

Illi Pawlu Sammut kompla jixhed illi meta irrefera ghall-parti s-safra fid-dokument a fol 17 tal-process kien qieghed jirreferi ghal dak l-ilsien li fih moghdija ghall-ghalqa tad-"Dahar l-Abjad". Huwa xehed illi l-moghdija li tidher bil-linja maqtugha a fol 17 tal-process fuq il-parti s-safra u li ghaddejja ma' genb kamra ghamluha huma u li dak mhux il-passaġġ originali minn fejn qabel kienu jidhlu għall-ghalqa ta' dahar l-abjad u li llum hemm mibni garaxx imsaqqaf bil-pjanċi. Huwa xehed ukoll illi fl-ghalqa ta' dahar l-abjad huh Bertu dahhal il-hamrija fil-parti ta' fuq fejn hemm miktub "id-dahar l-Abjad" mentri hu u uliedu dahhlu l-hamrija fil-parti ta' fuq u cioe l-parti fejn hemm miktub il-kejl u l-kelma "Bajda". Dan xehdu peress illi qal illi qieghed jippretendi kumpens talli dahlu l-hamrija.

Illi Bartolomeo Sammut ikkonferma dak li xehed huh Pawlu Sammut u ikkonferma wkoll illi hu dahhal hamrija fl-ghalqa "Id-dahar l-abjad" fil-bicca li jahdem hu. Bartolomeo xehed ukoll illi dahhal hamrija fl-ghalqa "ta' quddiem ir-razzett" u illi dahhal madwar sebghin trakk mill-kbar hamrija ta' ghaxar tunnellati t-trakk u dan ghamlu sabiex ikun jista' jaħdem ir-raba.

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet :

“i. In-natura tal-kawża odjerna hija dik ta' l-*actio de communi dividundo* ai termini ta' l-Artikolu 496 *et seq* tal-

Kodiċi Ċivili, sabiex jinqasmu l-għelieqi li jinsabu kollha fil-kontrada tal-Għallis sive tas-Salini limiti tan-Naxxar imsejħin 'Ta'/Tal-Felicia', 'Ta Quddiem ir-Razzett', 'Tad-Dahar l-Abjad', u 'ix-Xagħra tal-Wied tad-Duda', appartenenti in komun lill-attur John Ghigo u l-konvenuti Bartolomeo Sammut, Pawlu Sammut, Peter Sammut, Nazzareno sive Leslie Sammut, u Carmelo sive Charles Sammut.

## A. L-ewwel eċċezzjoni

ii. In kwantu l-qasma ta' proprjetà in komun hija meqjusa fid-dottrina u kif ukoll fil-ġurisprudenza bħala kuntratt[1], allura l-elementi ġenerali tal-kuntratti għandhom dejjem jissussistu f'kawża bħal din. F'dan il-każ, għalkemm jeżisti qbil bejn il-partijiet sabiex isseħħ din id-diviżjoni, l-oġġezzjoni prinċipali tal-konvenuti tolqot proprju wieħed mill-erba' elementi intrinsiċi tal-kuntratti, u ċioe' l-oġġett tal-qasma, in kwantu fir-rigward ta' l-għalqa imsejħa "Tad-Dahar l-Abjad" (immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dok X annessa maċ-ċitazzjoni) il-konvenuti jeċċepixxu li din m'għandhiex tkun kollha kemm hi l-oġġett tad-diviżjoni odjerna peress li parti minnha hija di proprjetà esklussiva tal-konvenuti Bartolomeo u Paolo aħwa Sammut u għalhekk m'għandhiex tinqasam ma' l-attur.

iii. F'dan ir-rigward, mill-provi rriżulta li l-parti in kontestazzjoni hija dik fl-għalqa magħrufa 'Tad-Dahar l-Abjad' immarkata bl-orangjo a fol. 35 tal-proċess fil-pjanta ppreżentata minn Bartolomeo Sammut 'Dokument BS1' (jew dik immarkata bl-isfar a fol 17 tal-proċess li fil-fatt ma' teżistix fil-proċess imma fl-ispoll).

iv. Mill-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 29 ta' Novembru 1988, li bih l-attur xtara nofs indiviż ta' l-utli dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn ħamsin (50) sena li bdew jgħaddu mill-25 ta' Diċembru 1960, jirriżulta li l-għalqa 'tad-Dahar l-Abjad' in kwistjoni għandha kejl ta' ċirka

[1] Prof V. Caruana Galizia, *Notes on Law of Things*, paġna 26, 27, Għ.S.L 1999.

sbatax il tomna, siegħ u ħames kejliet, (17T1S5K) jew wieħed u għoxrin elf ħames mija u sebgħa u tmenin punt sitta metri kwadri ($21587.6m^2$).

Mill-banda l-oħra, kemm il-konvenut Bartolomeo u l-konvenut Pawlu Sammut fix-xhieda tagħhom, a fol. 33 u 110 tal-proċess rispettivament, isostnu li l-kejl ta' sbatax il tomna li hemm fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-attur ma jikkomprendix dak l-ilsien li hemm immarkat bil-kulur oranġjo. Huma jsostnu wkoll li missierhom Pietro Sammut kellu razzett adjaċenti ma' dan l-ilsien fit-tramuntana tiegħu, li kien imġarraf fil-gwerra, b'tomnejn raba' miegħu (dan ir-razzett jinsab identifikat aħjar bl-ittra 'X' fuq il-pjanta a fol 17 tal-proċess u bil-kulur vjola fid-disinn 3057-1 li ħejja l-Perit Tekniku AIC Frederick Doublet fir-relazzjoni tiegħu). Il-konvenut Pawlu Sammut (a fol. 110) xehed li lit-tfal tiegħu, bil-kuntratt datat 23 ta' Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, huwa fil-fatt ma kienx biegħlhom il-parti kulurita oranġjo minn din l-għalqa peress li huwa kien deherlu li dik il-parti kienet fil-fatt ta' missieru.

v. It-teżi tal-konvenuti tinsab kontradetta mill-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku AIC Frederick Doublet li jikkonkludi fil-paġna 11 tar-rapport tiegħu li, mid-diżinni u kalkolazzjonijiet tiegħu jirriżulta li l-arja totali ta' l-għalqa 'Id-Dahar l-Abjad' inkluż l-ilsien disputat tammonta għal 17-il tomna 2 siegħan u 2.82 kejliet u ċioe' inqas minn 1% aktar mill-kejl li hemm imniżżel fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-attur. Mill-istess konklużjonijiet tal-Perit Tekniku rriżulta li l-arja ta' l-ilsien disputat meta meħud waħdu tammonta għal 2 Tmien 0 Siegħan 0.14 Kejliet. Dan ikompli jikkorrobora l-fatt li t-teżi tal-konvenuti fir-rigward ta' l-għalqa ta' 'Id-Dahar l-Abjad' mhijiex sostenibbli għax kieku kellha titnaqqas l-arja ta' l-ilsien disputat mill-kejl mogħti fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-attur, kien ikun hemm differenza notevoli fil-qies li ngħata fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-attur u l-qies li rriżulta lill-Perit Tekniku, ħaġa li fil-fatt ma hemmx.

vi. Mill-atti tal-proċess ma jirriżultax ċar jekk it-tomnejn raba' li kellu missier il-konvenuti Pietro Sammut maġenb ir-razzett tiegħu (kif hemm dikjarat fid-denunzja ta' Pietro

Sammut a fol. 41 tal-proċess), humiex l-ilsien disputat li fil-fatt fih 2 Tmien 0 Siegħan 0.14 Kejliet, jew ir-raba' li ġie indikat mill-Perit Tekniku bil-kulur vjola fid-diżinn 3057-1 anness mar-rapport tiegħu.

vii. In ogni każ, it-teżi tal-konvenuti fir-rigward ta' l-istess għalqa tinsab kontraddetta wkoll mill-kuntratt ta' akkwist datat 6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert Girard li bih propju l-istess konvenut Bartolomeo Sammut kien xtara mingħand il-Kunvent tar-Reverendi Padri Agostinjani n-nofs indiviż ta' l-istess għalqa. Infatti f'dan il-kuntratt, li jinsab esebit a fol. 79 sa 84 tal-proċess, l-għalqa in kwistjoni tinsab identifikata fil-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt, a fol. 84 tal-proċess, u mmarkata bl-ittra 'B', li mingħajr ombra ta' dubju tinkludi fiha l-ilsien disputat. Fl-istess kuntratt, il-kejl ta' l-għalqa 'Id-Dahar l-Abjad' mmarkata bl-ittra 'B', **inkluż l-ilsien disputat**, jaqbel eżatt mal-kejl li jissemma fil-kuntratt ta' akkwist ta' l-attur (Dok X a fol 9 sa 14) u ċioe' sbatax il tomna, Siegħ u ħames kejliet 17T1S5K.

Ta' min wieħed jinnota li mix-xhieda tar-Rev Patri Giulio Bonnici (a fol 70 tal-proċess) jirriżulta li din l-art kienet hekk ilha tappartjeni lill-Provinċja mill-1715.

Mix-xhieda tar-Rev Patri Albert Borg li huwa terz li mhux interessat fil-proċeduri odjerni (a fol. 74 tal-proċess) u li kien l-amministratur tal-provinċja tal-Patrijiet Agostinjani meta l-konvenut akkwista sehemu minn din l-għalqa mingħand il-Kunvent ta' l-istess patrijiet Agostinjani, irriżulta li qabel ma għamel il-pjanta li tinsab annessa mal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenut Bartolomeo Sammut tas-6 ta' Jannar 1961 a fol 84 tal-proċess, il-perit Carmelo Fenech tal-Kunvent kien anke mar fuq il-post.

viii. Fl-aħħar nett, apparti l-konsiderazzjonijiet imperattivi preċedenti, l-esponenti jirrileva li l-konvenuti, wara li allegaw li huma Bartolomeo u Paolo aħwa Sammut biss li huma l-proprjetarji esklussivi ta' l-imsemmi ilsien ta' proprjetà u għalhekk qalbu l-oneru tal-prova fuqhom biex juru dan, naqsu milli jġibu l-prova kif trid il-liġi. L-unika prova li tressqet f'dan ir-rigward hija d-denunzja tal-mejjet

missierhom (a fol 39 sa 43 tal-proċess) li fil-fehma ta' l-esponenti mhijiex l-aħjar prova biex turi li l-istess Bartolomeo u Paolo aħwa Sammut saru l-proprjetarji esklussivi ta' din il-biċċa art disputata. Apparti dan, minkejja li fl-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' l-eċċezzjonijet il-konvenuti ddikjaraw li dan l-ilsien disputat jappartjenti esklussivament lil Bartolomeo u Pawlu Sammut, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-30 ta' Jannar 2006, il-konvenut Pawlu Sammut xehed taħt ġurament li hu u ħuh Bertu u l-werrieta ta' ħutu Salvu Sammut, Giuzeppa mizzewga Cilia, Carmena mizzewga Agius, u Giuzeppi Sammut huma l-proprjetarji ta' dan l-ilsien art kulurit bl-isfar fuq il-pjanta a fol.17 ((Fol 17 ma teżistix fil-proċess iżda teżisti fl-ispoll). Dan ma jikkombaċax ma' dak li ġie dikjarat fl-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' l-eċċezzjonijiet u juri iktar kemm il-konvenuti naqsu milli jġibu prova ta' dak li allegaw skond il-liġi.

ix. **Għaldaqstant, l-esponenti umilment jissottometti li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għandha tiġi miċħuda b'dana illi l-għalqa msejħa 'Tad-Dahar l-Abjad' li minnha xtara l-attur għandha tinkludi wkoll l-ilsien disputat. Fil-fehma ta' l-esponenti, in vista tal-kontestazzjoni li qajmu l-konvenuti fir-rigward ta' l-ilsien disputat, li wara kollox l-istess ilsien kien jirriżulta anke mill-kuntratt ta' akkwist tal-konvenut stess Bartolomeo Sammut li kellu għalhekk kull okkażjoni jivverifikah, għandu jkun hemm riflessjoni ta' dan fl-ispejjeż.**

**B. L-ishma tal-kontendenti**

x. Illi, determinata l-ewwel eċċezzjoni, qabel ma jgħaddi biex jeżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti, l-esponenti sejjer jgħaddi issa biex jagħmel analiżi ta' l-ishma tal-kontendenti.

xi. Illi l-esponenti jirrileva li ħadd mill-kontendenti, la fiċ-ċitazzjoni u lanqas fl-eċċezzjonijiet, ma qajjem xi kontestazzjoni dwar l-ishma u l-konsistenza ta' l-istess. Huwa biss fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti li Nazzareno sive Leslie Sammut iddikjara li għandhom jiġu

verifikati u rispettati r-rispettivi kwoti tal-kontendenti. Dan jidher li ntqal peress li l-konvenuti fix-xhieda tagħhom sostnew *inter alia* li mill-għalqa msejħa 'Tal-Felicia', l-attur ma setax ikollu nofs indiviż. L-esponenti sejjer issa janalizza l-kwistjoni dwar l-għalqa 'Tal-Felicia'.

**L-għalqa 'Tal/ta' Felicia'**

xii. Min-naħa ta' l-attur, dan kien xtara n-nofs indiviż ta' din l-għalqa 'Tal-Felicia' bil-kuntratt datat 29 ta' Novembru 1988 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin (Dok X anness maċ-ċitazzjoni) mingħand Joseph Vella Gaffiero.

xiii. Min-naħa tal-konvenuti, Bartolomeo Sammut kien akkwista ħames settimi (5/7) indiviżi mill-imsemmija raba' b'kuntratt tas-17 t'Awissu 1959 fl-atti tan-Nutar Carmelo Vella. Madankollu b'kuntratt tal-5 ta' Ottubru 1959 fl-atti tan-Nutar Robert Girard (Dok BS7 a fol 55 tal-proċess) in-Nutar Carmelo Vella, missier Joseph Vella Gaffiero, l-aventi kawża ta' l-attur, kien xtara l-imsemmija 5/7 indiviżi b'irkupru legali stante li l-istess Nutar Carmelo Vella kien diġà proprjetarju ta' settimu indiviż (1/7).

xiv. B'kuntratt tat-28 ta' Settembru 1981 (Dok BS5 a fol. 47) fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, Bartolomeo Sammut reġa akkwista settimu indiviż (1/7) mill-istess raba' mingħand Joseph u Mary mart Stephen Formosa, aħwa Urry. B'kuntratt ieħor tat-2 ta' Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella (Dok BS6 a fol. 51), Bartolomeo Sammut akkwista mingħand Joseph Vella Gaffiero, li jiġi proprju l-awtur ta' l-attur, ħamsa minn erbatax –il parti (5/14) indiviża oħra ta' l-istess għalqa. B'hekk, bil-1/7-parti u 5/14-il parti li xtara, Bartolomeo Sammut sar proprjetarju tan-nofs l-indiviż l-ieħor.

xv. Jidher li l-kontestazzjoni li jqajjem il-konvenut Bartolomeo Sammut hija li peress li huwa (Bartolomeo) kellu settimu indiviż (1/7) li kien xtara fl-1981, l-attur Ghigo, fl-1988, ma setghax xtara nofs indiviż mill-għalqa kollha, iżda nofs indiviż wara li taqta' s-settimu indiviż (1/7) li kien jappartjeni lill-istess Bartolomeo.

xvi. Fil-fehma ta' l-esponenti, dan l-argument ma jreġġix. Fl-ewwel lok, il-kuntratt ta' akkwist datat 29 ta' Novembru 1988 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin (Dok X anness maċ-ċitazzjoni) li bih l-attur Ghigo xtara n-nofs indiviż tal-proprjetà in kwistjoni jgħid (a fol 9 tal-proċess) li l-attur akkwista, "*nofs indiviż mis-segwenti għelieqi*..." fosthom l-għalqa ta' Felicia. Għaldaqstant huwa ċar li Joseph Vella Gaffiero kien qiegħed ibiegħ lill-attur nofs indiviż mill-għalqa u mhux biss nofs indiviż minn xi sehem iżgħar fl-istess għalqa kif jallega l-attur.

xvii. L-argument tal-konvenut Bartolomeo Sammut ma jreġġix ukoll minħabba li meta wieħed jagħmel kalkolu matematiku, jirriżulta li fil-fatt John Ghigo għandu nofs indiviż ta' l-għalqa kollha. Infatti, jekk fl-1959 wara l-irkupru legali hawn fuq imsemmi, in-Nutar Carmelo Vella kellu b'kollox sitta minn seba (6/7) parti indiviża u sussegwentement, fl-1988 is-suċċessur tiegħu Joseph Vella Gaffiero biegħ nofs indiviż **mill-għalqa** lill-attur, allura jirriżulta li fil-patrimonju ta' Joseph Vella Gaffiero kien għad fadal 5/14-il parti indiviża. Din il-5/14-il parti indiviża fil-fatt hija l-istess 5/14-il parti li l-konvenut Bartolomeo Sammut xtara mingħand l-istess Joseph Vella Gaffiero permezz tal-kuntratt tat-2 ta' Mejju 1989 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella (Dok BS6 a fol. 51) biex spiċċa b'nofs indiviż huwa wkoll. Kieku, kif sostna l-konvenut Bartolomeo Sammut, wieħed kellu jnaqqas in-nofs (½) indiviż li xtara l-attur Ghigo mis-6/7 parti indiviża li kellu Joseph Vella Gaffiero, li jagħti riżultat ta' 3/7 parti indiviża għall-attur, allura meta wieħed jgħodd dawn it-3/7 parti indiviża man-nofs (1/2) indiviż li kellu l-konvenut Bartolomeo Sammut, jirriżulta li jibqa' sehem wieħed minn erbatax (1/14) li ma ġiex indikat ta' min hu għall-finijiet ta' din il-qasma u allura kieku jkun ifisser li teżisti persuna oħra titolari ta' dan is-sehem wieħed minn erbatax li mhijiex parti fil-proċeduri preżenti. F'kawża għal diviżjoni bħalma hija l-kawża odjerna, dan kien iwassal għan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, ilment dan li ma tqajjimx mill-istess konvenuti minkejja l-argumenti minnhom imqajmin.

xviii. Jibqa' issa li jiġi stabbilit x'sehem għandhom minn din l-għalqa l-konvenuti wara li l-konvenut Bartolomeo Sammut jgħid li huwa biegħ kwart indiviż mill-għalqa kollha lil ħuh Paolo Sammut.

xix. Għalkemm kif intwera iktar 'il fuq, jirriżulta li Bartolomeo Sammut akkwista nofs indiviż minn din l-għalqa, l-unika prova li turi li Bartolomeo Sammut kien biegħ kwart indiviż minn din l-għalqa lil ħuh Paolo Sammut tirriżulta mill-affidavit ta' l-istess Bartolomeo Sammut a fol 34 tal-proċess fejn jgħid li huwa biegħ kwart indiviż lil ħuh Paolo Sammut. Madankollu, fl-atti tal-kawża ma ġiex ippreżentat il-kuntratt tat-trasferiment imsemmi, kuntratt dan li kien jikkostitwixxi l-aħjar prova dwar dan it-trasferiment.

**xx. Għaldaqstant, l-esponenti jikkonkludi li mill-għalqa 'Tal/Ta' Felicia', l-attur John Ghigo għandu nofs (1/2) indiviż. Mill-banda l-oħra l-esponenti mhuwiex fl-aħjar pożizzjoni biex jasal għal konklużjoni dwar it-titolari tan-nofs indiviż rimanenti, li għalkemm ma ġiex ikkontestat li jappartjeni lil Bartolomeo u Paolo Sammut, fil-proċess ma ġiex esebit il-kuntratt ta' trasferiment li jikkorrobora dan.**

**L-għalqa 'tad-Dahar l-Abjad'**

xxi. L-attur John Ghigo xtara nofs indiviż ta' l-utli dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn ħamsin (50) sena li bdew jgħaddu mill-25 ta' Diċembru 1960 fuq din l-għalqa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 29 ta' Novembru 1988.

L-esponenti jagħmel riferenza għall-konklużjoni tiegħu dwar l-ewwel eċċezzjoni f'paġna 13 ta' din ir-relazzjoni fejn jingħad li d-diviżjoni ta' din l-għalqa għandha tinkludi wkoll l-ilsien disputat.

xxii. Il-konvenut Bartolomeo Sammut akkwista n-nofs indiviż l-ieħor b'kuntratt tas-6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert Girard. Sussegwentement huwa jixhed (fl-

affidavit tiegħu a fol 32) li biegħ kwart minn sehemu ta' l-istess għalqa lil ħuh Paolo Sammut b'kuntratt tal-31 ta' Mejju 1974 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, liema kuntratt ma jinsabx esebit. Min-naħa tiegħu Paolo Sammut biegħ sehemu lill-uliedu Peter u Carmelo Sammut b'kuntratt tat-23 ta' Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (a fol 36 sa 38 tal-proċess). L-esponenti jirrileva f'dan l-istadju li l-konvenut Paolo Sammut, a fol 110 tal-proċess, u kif jirriżulta mill-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt li ġiet esebita fis-seduti quddiem il-periti ġudizzjarji (markata bħala Dok KC060320A annessa mar-rapport tal-perit tekniku) jinsisti li lill-uliedu fuq dan il-kuntratt huwa ma kienx biegħelhom l-ilsien disputat ta' din l-għalqa minkejja li l-kejl mogħti għall-għalqa kollha fl-istess kuntratt huwa ta' 17.86 tumoli. Madankollu, l-istess Pawlu Sammut, a fol 109 u 110 tal-proċess jixhed ukoll li, "*L-artijiet 'tad-Dahar l-Abjad' u 'ta Quddiem ir-Razzett', kien akkwistahom l-ewwel ħija bi sħab man-Nutar Vella. Eventwalment, jiena xtrajt mingħand ħija nofs sehemu, ċioe' kwart ta' l-art kollha. Wara, b'kuntratt tan-Nutar Angelo Sammut tat-23 ta' Settembru 1991, jiena ttrasferejt is-sehem indiviż tiegħi ta' dawn l-artijiet lill-uliedi Peter u Carmelo sive Charles.*"

L-esponenti jirrileva li mill-kalkolazzjonijiet tal-perit tekniku AIC Frederick Doublet fir-rapport tiegħu irriżulta li l-għalqa **inkluż** l-ilsien disputat tagħti kejl ta' 17.38 tumoli u dan jagħti indikazzjoni li l-art b'kejl ta' 17.86 tomniet li kienet qiegħda tinbiegħ minn Paolo Sammut lill-uliedu Peter u Carmelo kienet tikkomprendi wkoll dak l-ilsien disputat. Safrattant Paolo Sammut jinsisti li huwa ma kienx qiegħed ibiegħ l-ilsien disputat meta biegħ sehemu lill-uliedu Peter u Carmelo. Mill-kuntratt ta' l-1991, jirriżulta inoltre li anke c-cens imsemmi ta' Lm8 fis-sena fuq l-artijiet in kwistjoni jaqbel mac-cens originali li kien ġie impost fuq l-att tal-konċessjoni emfitewtika ta' l-1962 li kienet tinkludi wkoll l-ilsien disputat.

Għalhekk, għalkemm ma ġiex ikkontestat li n-nofs indiviż tal-konvenuti jappartjeni lil Bartolomeo minn banda u lil Peter u Carmelo Sammut mill-banda l-oħra, l-esponenti jidhirlu li kien ikun fl-aħjar istruzzjoni tal-kawża li jiġi ppreżentat il-kuntratt tal-31 ta' Mejju 1974 fl-atti tan-Nutar

Angelo Sammut li bih Bartolomeo Sammut biegħ lil ħuh Paolo il-kwart indiviż kif imfisser fl-imsemmi affidavit.

xxiii. **Għaldaqstant, l-esponenti jikkonkludi li mill-għalqa 'Tad-Dahar l-Abjad', John Ghigo għandu nofs (1/2) indiviż. Mill-banda l-oħra l-esponenti mhuwiex fl-aħjar pożizzjoni li jasal għal konklużjoni dwar it-titolari tan-nofs indiviż rimanenti u dan peress li għalkemm jirriżulta li l-konvenut Bartolomeo Sammut kien oriġinarjament akkwista dan in-nofs indiviż b'kuntratt tas-6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert Girard, u għalkemm ma ġiex ikkontestat li Bartolomeo sussegwentement biegħ lil ħuh Paolo kwart indiviż, u Paolo biegħ l-istess kwart lil Peter u Carmelo Sammut, b'dan illi huma Bartolomeo, Peter u Carmelo Sammut li jirriżultaw titolari tan-nofs indiviż tal-konvenuti, fl-atti tal-kawża ma ġiex preżentat il-kuntratt tat-trasferiment li bih Bartolomeo Sammut biegħ lil Paolo Sammut.**

**L-għalqa 'ta' Quddiem ir-Razzett'**

xxiv. L-attur John Ghigo xtara nofs indiviż ta' l-utli dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn ħamsin (50) sena li bdew jgħaddu mill-25 ta' Diċembru 1960 fuq din l-għalqa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 29 ta' Novembru 1988.

xxv. Il-konvenut Bartolomeo Sammut akkwista n-nofs indiviż l-ieħor b'kuntratt tas-6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert Girard. Sussegwentement huwa jixhed (fl-affidavit tiegħu a fol 32) li biegħ kwart minn sehemu ta' l-istess għalqa lil ħuh Paolo Sammut b'kuntratt tal-31 ta' Mejju 1974 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, liema kuntratt ma jinsabx esebit. Min-naħa tiegħu Paolo Sammut biegħ sehemu u ċioe' l-kwart indiviż mill-imsemmija għalqa lill-uliedu Peter u Carmelo Sammut b'kuntratt tat-23 ta' Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (a fol 36 sa 38 tal-proċess).

xxvi. **Għaldaqstant, l-esponenti jikkonkludi li mill-għalqa 'Ta' Quddiem ir-Razzett', John Ghigo għandu**

**nofs (1/2) indiviż. Mill-banda l-oħra l-esponenti mhuwiex fl-aħjar pożizzjoni li jasal għal konklużjoni dwar it-titolari tan-nofs indiviż rimanenti u dan peress li għalkemm jirriżulta li l-konvenut Bartolomeo Sammut kien oriġinarjament akkwista dan in-nofs indiviż b'kuntratt tas-6 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Robert Girard, u għalkemm ma ġiex ikkontestat li Bartolomeo sussegwentement biegħ lil ħuh Paolo kwart indiviż, u Paolo biegħ l-istess kwart lil Peter u Carmelo Sammut, b'dan illi huma Bartolomeo, Peter u Carmelo Sammut li jirriżultaw titolari tan-nofs indiviż tal-konvenuti, fl-atti tal-kawża ma ġiex preżentat il-kuntratt tat-trasferiment li bih Bartolomeo Sammut biegħ lil Paolo Sammut.**

**Iż-żewġ għelieqi magħrufa 'Ix-Xagħra tal-Wied tad-Duda'**

xxvii. L-attur John Ghigo xtara nofs indiviż minn dawn iż-żewġ għelieqi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 29 ta' Novembru 1988.

xxviii. Il-konvenut Bartolomeo Sammut, a fol 33 tal-proċess, jgħid li akkwista n-nofs indiviż minn dawn iż-żewġ għelieqi b'kuntratt tas-16 t'Ottubru 1962. L-esponenti jirrileva li l-kuntratt datat 16 t'Ottubru 1962 fl-atti tan-Nutar Robert Girard li jinsab esebit fl-atti a fol 58 sa 61 tal-proċess (Dok BS8), ma jurix dan. Infatti f'dan il-kuntratt Bartolomeo Sammut fil-fatt kien biegħ nofs indiviż lin-Nutar Carmelo Vella u mhux xtara nofs indiviż. Mill-provenjenza li ġiet indikata fl-istess kuntratt jidher li Bartolomeo akkwista l-għelieqi in forza ta' rivendizzjoni segwita fl-atti tal-Prim Awla tal-Qorti Civili wara rkupru legali tal-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 1959, pero' dan l-att ma jinsabx esebit.

A fol 33 tal-proċess, il-konvenut Bartolomeo Sammut ikompli jgħid li b'kuntratt tal-31 ta' Mejju 1974 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (li wkoll ma jinsabx esebit) huwa kien biegħ kwart indiviż lil ħuh Paolo, li min-naħa tiegħu kien imbagħad għadda dak il-kwart lil uliedu Peter

u Leslie b'kuntratt tat-28 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (Dok BS4 sa fol 44 sa 46 tal-proċess).

xxix. L-esponenti jirrileva għal darba oħra li l-kuntratt ta' l-1974 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut ma jinsabx esebit fl-atti tal-kawża.

**xxx. Għaldaqstant, l-esponenti jikkonkludi li miż-żewġ għelieqi 'Tax-Xagħra tal-Wied tad-Duda', l-attur John Ghigo għandu nofs (1/2) indiviż. Mill-banda l-oħra l-esponenti mhuwiex fl-aħjar pożizzjoni li jasal għal konklużjoni dwar it-titolari tan-nofs indiviż rimanenti u dan peress li għalkemm jirriżulta li Peter u Nazzareno sive Leslie Sammut akkwistaw kwart indiviż bejniethom mingħand missierhom Paolo Sammut, u għalkemm ma ġiex kontestat li Bartolomeo għandu kwart indiviż u kien ukoll biegħ il-kwart indiviż li Paolo Sammut biegħ lil uliedu l-istess Peter u Nazzareno, il-kuntratti li bihom Bartolomeo Sammut u Paolo Sammut akkwistaw sehemhom ma ġewx preżentati.**

### Ċ. It-tieni eċċezzjoni

xxxi. Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-istess konvenuti qegħdin jopponu għad-diviżjoni jekk huma ma jibqgħux jikkoltivaw u jużaw a skopijiet ta' kaċċa l-istess għelieqi, inklużi dawk il-partijiet li eventwalment jiġu assenjati lill-attur, sakemm jinħarġu l-permessi għall-bini, u dana in konformità ma' ftehim eżistenti bejn l-istess kontendenti.

xxxii. Illi, f'dan ir-rigward, l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza **Lorenzo Vella vs Giuseppe Bugeja Bonnici deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Novembru 1948** fejn ġie deċiż li:
"*id-dritt li l-konvenut akkwista li juża r-raba' in kwistjoni għall-kaċċa, kompriża l-kaċċa bl-ixkubetta u bix-xbiek jew bil-mansab jammonta għal-lokazzjoni, u għandu jiġi regolat...mil-liġi li tirregola l-lokazzjoni*".

Illi inoltre l-**istess Qorti fl-20 ta' Marzu 1953, fil-kawża fl-ismijiet Emanuela Mallia vs George Zammit noe**, iddeċidiet li f'kawża għal diviżjoni ta' beni in komun, fejn il-fond ikun mikri kollu kemm hu lil terza persuna:
"*Il-Qorti ma tistax f'dina l-kawża, tieħu konjizzjoni ta' l-ostakolu [tal-kirja eżistenti fuq il-fond li l-qasma tiegħu tkun qiegħda tintalab]; mhux biss għaliex il-konvenut*[2]*, bħala inwkilin, mhuwiex u lanqas seta' jkun parti fil-kawża, iżda anke għaliex id-diviżjoni ma tistax taffettwa d-dritt ta' l-inkwilin għat-tgawdija tal-fond, u dik il-lokazzjoni għandha tibqa' rispettata mil-lokaturi anke jekk dawna bejniethom ikunu qasmu l-fond. Id-diviżjoni, għall-inkwilin, hija 'res inter alios acta', li minnha huwa m'għandux isofru preġudizzju*"

xxxiii. Illi fil-każ odjern, *prima facie* ma jirriżultax li l-elementi kollha tal-lokazzjoni jissussitu sabiex l-allegat ftehim bejn il-kontendenti jiġi tradott f'lokazzjoni. Iktar, fil-fatt, jista' jixbah l-istitut simili tal-kommodat in kwantu ma rriżultax mill-provi li l-konvenuti kienu jew għadhom iħallsu xi korrispettiv sabiex huma jkunu jistgħu jużaw ir-raba' għal skop ta' kaċċa u koltivazzjoni. F'dan is-sens l-ġurista Ricci jgħid li,
"*Il comodato...è essenzialmente gratuito...Se la cosa si presta dietro un corrispettivo in denaro, il contratto assume l'indole di locazione di cose*" (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol 9, Titolo XI, Capo I, pg 329).

L-istess ġurista jkompli jispjega li "*per effetto del comodato non si trasferisce nel comodatario alcun diritto sulla cosa, ma esso ha solo un'azione personale verso il comodante, perche' questi gli consenta o permette l'uso della cosa prestata*" (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol 9, Titolo XI, Capo I, pg 334).

xxxiv. Illi għalhekk, fid-dawl ta' din id-dottrina u ġurisprudenza, l-esponenti huwa ta' l-umli fehma li mingħajr m'għandu jidħol fil-kwistjoni jekk l-allegat ftehim dwar l-użu mill-konvenuti tar-raba' in kwistjoni jammontax għal-lokazzjoni jew għal xi istitut ieħor simili u mingħajr ma

---

[2] Hawnhekk il-Qorti qiegħda tirreferi għall-konvenut u mhux għall-konvenut *nomine*.

joqgħod janalizza jekk dan il-ftehim fil-fatt eżistiex o meno, jew ġiex pruvat suffiċjentement fil-każ odjern, dina l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda in kwantu kif intqal fis-sentenza suċċitata, la l-lokazzjoni, u per analoġija, lanqas il-kommodat ma jistgħu qatt ikunu ta' ostaklu għall-*actio de communi dividundo*.

**xxxv. Għaldaqstant, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li dina t-tieni eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda in kwantu din ma tista' qatt tkun ta' ostaklu għall-kawża odjerna. Dan qiegħed jingħad bla preġudizzju għal kwalsiasi dritt jew azzjoni, jekk jeżistu, li l-konvenuti jista' jkollhom fil-konfront ta' l-attur abbażi tal-pretensjonijiet tagħhom kif dedotti f'dina l-eċċezzjoni li kif ingħad, għall-finijiet ta' din il-kawża, l-esponenti ma kellux għalfejn jikkonstata dwarha.**

**D. It-tielet eċċezzjoni**

xxxvi. It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda t-talba għall-kumpens għall-benefikati minnhom magħmula fl-għelieqi di proprjetà komuni.

xxxvii. Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi analizzata in rigward għal din it-tielet eċċezzjoni hija jekk talba simili setgħetx issir *ope exceptionis* jew inkella b'kawża *ad hoc* jew kontro-talba apposita.

xxxviii. Illi l-esponenti jagħmel analoġija ma' l-*actio familiae erciscundae* fejn fil-fatt il-likwidazzjoni tal-kontijiet reċiproċi bejn l-eredi hija waħda mill-operazzjonijiet relattivi għal-likwidazzjoni ġenerali ta' l-eredità. (ara per eżempju s-sentenza mogħtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 t'April 1960 fl-ismijiet Margherita Formosa et vs Gio Maria Abela et**).

Fl-istess spirtu, fl-Artikolu 505 tal-Kodiċi Ċivili, il-liġi tipprovdi għal sitwazzjonijiet fejn jista' jirriżulta li jkun ġust u ekwu li titħallas ekwiparazzjoni f'każ li jirriżulta xi differenzi fl-ishma.

Għaldaqstant, l-esponenti jħoss li jkun f'loku li l-kwistjoni dwar jekk saru xi benefikati mill-konvenuti tiġi ventilata u deċiża f'din il-kawża li tikkontempla proprju d-diviżjoni tal-proprjetà li fuqha jingħad li saru l-benefikati.

xxxix. Illi fil-fatt il-liġi, fuq il-benefikati li għamlu l-konvenuti jew ossija garaxx imsaqqaf bil-pjanċi u ħamrija fl-għalqa tad-Dahar l-Abjad u Ta' Quddiem ir-Razzett, *qua* komproprjetarji ta' proprjetà miżmuma in komun ma' l-attur tiddisponi fl-Artikolu 493 tal-Kodiċi Ċivili li
"*Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd.*"

xl. Illi l-ġurisprudenza fuq dan il-punt hija konfliġġenti u ttendi, minn banda, kemm lejn tifsira *ad litteram* tal-liġi hawn fuq iċċitata u kif ukoll, f'kuntesti oħrajn, ittendi li ttaffi ftit ir-restrizzjoni li tippreskrivi l-liġi. Ara s-sentenza fl-ismijiet **Saviour sive Aldo Portelli vs Francis Portelli et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru 2003**. Hekk jingħad ukoll per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Emanuela Farrugia et vs Nazzareno Fenech, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ottubru 2003**,
" *Għalkemm il-ligi tipprojbixxi b'mod generali li jsiru alterazzjonijiet fl-oggett in komuni, l-gurisprudenza nostrali ittaffi ftit din ir-restrizzjoni u kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Chircop vs Xuereb et", deciza fis-16 ta' Mejju,1961, b'akkoljiment ta' gurisprudenza antecedenti, "bil-projbizzjoni msemmija fl-artikolu 530 (illum 493) tal-Kodici Civili, wiehed ghandu jifhem dawk l-alterazzjonijiet li ghandhom it-tendenza li jbiddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-haga komuni, u mhux ukoll dawk li sempliciment iservu ghall-ahjar godiment tal-haga*.".

xli. Fl-istess kawża hawn fuq imsemmija, il-bini ta' garaxx fuq sit fabbrikabbli, liema sit kien għadu mhux mibni, ġie meqjus bħala li jikkostitwixxi bla dubju ta' xejn tibdil fis-sustanza ta' fond komun li mhuwiex permess skond il-liġi. (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Degabriele vs Degabriele", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 1995).**

xlii. Fl-umli fehma ta' l-esponenti, mill-provi prodotti ma jirriżultax li għall-bini tal-garaxx il-konvenuti talbu u ottjenew il-kunsens ta' l-attur qabel ma bnewh. Dan ifisser li l-istess insenjament imfisser fil-ġurisprudenza hawn fuq iċċitata għandu japplika għall-każ preżenti fejn il-konvenuti bnew garaxx fl-għalqa tad-Dahar l-Abjad. Dan ifisser li l-konvenuti ma jistgħux jitolbu li jiġu kkumpensati għal dak li huma jsejħulu benefikat meta fil-fatt il-liġi u l-ġurisprudenza jipprojbixxuhom milli jagħmlu alterazzjoni simili fil-fond komun. Hawn tapplika l-massima *commodum ex iniuria sua nemo habere debet*.

xliii. Aktar minn hekk, kif qal tajjeb il-Perit Tekniku AIC Frederick Doublet fir-relazzjoni tiegħu, f'paġna 17 ta' l-istess relazzjoni, peress li dik il-porzjon minnu indikata bl-ittra B fuq id-disinn 3057-1C fl-istess għalqa tad-Dahar l-Abjad fejn jinsab mibni l-garaxx, għandha tiġi assenjata lill-konvenuti wara l-qasma, l-istess benefikat ser jibqgħu igawdu minnu l-istess konvenuti u għal din ir-raġuni wkoll, m'hemmx lok għalfejn jingħata ebda kumpens ta' dan.

xliv. In rigward għall-benefikat ta' ħamrija li l-konvenuti Bartolomeo u Pawlu Sammut jgħidu li daħħlu fl-għalqa tad-Dahar l-Abjad u fl-għalqa ta' Quddiem ir-Razzett, l-esponenti jagħmel riferenza għax-xhieda ta' Paolo Sammut ta' l-20 ta' Frar 2006 li jgħid li huwa u t-tfal tiegħu daħħlu l-ħamrija fil-parti ta' l-għalqa tad-Dahar l-Abjad li fuq il-pjanta a fol. 17 tal-proċess tiġi dik fejn hemm miktub il-kejl u l-kelma "Bajda", mentri ħuh Bertu Sammut daħħal ħamrija fil-parti fejn hemm miktub "Id-Dahar l-Abjad" u daħħal ukoll madwar 70 trakk mill-kbar ħamrija (kull trakk jesa' għaxar tunnellati) fl-għalqa 'Ta' Quddiem ir-Razzett'. L-esponenti jirrileva li l-konvenuti ma taw ebda indikazzjoni ta' meta sar dan u lanqas dwar il-likwidazzjoni u kwantifikazzjoni pekunjarja ta' l-istess.

xlv. Fix-xhieda mogħtija fl-20 ta' Marzu 2006, il-konvenut Bartolomeo Sammut jgħid li huwa daħħal il-ħamrija sabiex "*inkun nista' naħdem ir-raba*"'.

xlvi. F'dan ir-rigward il-ġurista Ricci ("Corso Teorico Pratico di Diritto Civile" Vol. V. para. 19 pagna 26) jgħid li l-komproprjetarju
"*è tenuto a concorrere nelle spese necessarie alla conservazione proporzionalmente alla sua quota di proprieta', essendo ingiusto che la cosa comune a piu' persone si conservi a spese di una sola o di alcune di esse, laddove il beneficcio e' risentito da tutte*"

Fuq l-istess linja l-Artikolu 492 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi li "*Kull wieħed mill-komproprjetarji jista' jobbliga lill-oħrajn joħorġu sehem miegħu għall-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb, iżda kull wieħed minnhom jista' jeħles minn dan l-obbligu billi jċiedi l-jeddijiet tiegħu ta' komunjoni*."

Hekk ukoll tistabbilixxi l-ġurisprudenza nostrali. Ara per eżempju is-sentenza fl-ismijiet **Rita Desira et vs Mary Caruana et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005** u s-sentenza fl-ismijiet **John Axisa pro et nomine et Vs**
**Carmel sive Lino Azzopardi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Dr Joseph Said Pullicino fil-kawza moghtija fis-6 t'Ottubru 2000**,
"*Jekk l-ispejjez in kwistjoni jkunu necessarji ghall-konservazzjoni ta' l-oggett komuni u b'dan wiehed jifhem ghall-konservazzjoni ta' oggett komuni fl-istat li seta' jigi wtilizzat pjenament skond il-finalita' tieghu hi perfettament legali l-propozizzjoni li biex il-kondominju jkollu d-dritt jaghmel dawn l-ispejjez mhux mehtieg minn qabel il-kunsens tal-kondominji l-ohra purche' l-ispejjez ikunu kif inghad mhux biss ta' indole necessarju imma wkoll kongrui.*"

xlvii. In applikazzjoni tal-prinċipju stabbiliti bil-ġurisprudenza ċċitata, l-esponenti huwa ta' l-umli fehma li l-benefikat ta' ħamrija sabiex l-istess raba' tkun tista' tinħadem hija spiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb u għaldaqstant il-komproprjetarji kollha għandhom jikkonkorru għall-ispiża proporzjonalment għall-kwota tagħhom.

xlviii. Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, **fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2002, Carmelo Farrugia et vs Il-Kummissarju ta' l-Art et,** kellha quddiemha kawża fejn l-attur talab li jingħata *inter alia*, kumpens għall-benefikati kollha li għamel fis-sit li huwa kien iżomm b'titolu ta' kommodat mingħand il-Kummissarju ta' l-Art fejn dan l-istess kommodat ġie terminat intempestivament. Il-Qorti qalet hekk,

"*L-attur m'ghandux jinghata kumpens ghall-benefikati kollha li ghamel fis-sit, ghax hu kien jaf li t-titolu tieghu mhux wiehed permanenti jew assolut; il-benefikati ghamilhom hu ghall-htiega tieghu u, ovvjament, gawda minnhom hu stess. Hu, ghalhekk, li l-Kap. 199 jaghti kumpens ghall-benefikati li saru biss fl-ahhar tmien snin qabel it-terminazzjoni tat-titolu; ghall-benefikati li jkunu saru qabel, il-gabillot ikun gie "kumpensat" mill-uzu li jkun ghamel ta' l-istess.*

*Il-Qorti thoss li kumpens ghall-benefikati li jkunu saru flahhar tmien snin, huwa wiehed gust. Ghall-benefikati li jkunu saru qabel, l-attur gawda l-beneficcju taghhom u nqeda bihom hu stess ghall-iskop li hu bniehom, u kwindi ebda kumpens ma ghandu jinghata ghat-telf ta' l-uzu taghhom.*

*Kif indikat, ma giex muri lil din il-Qorti liema benefikati saru fl-ahhar tmien snin qabel l-izgumbrament ta' l-attur. Minn ezami tal-benefikati, u mehud kont li l-art ilha zmien twil f'idejn l-attur, u la kien qed jahdima, kien ilu li pprovda ghal ilma, mhux probabbli li l-benefikati kollha saru fl-ahhar tmien snin.*

xlix. Fl-umli fehma ta' l-esponenti, il-prinċipji stabbiliti fil-kawża suċċitata għandhom japplikaw għall-kawża odjerna. F'dik il-kawża, sabiex tistabbilixxi l-ammont ta' kumpens li kellu jingħata, il-Qorti għamlet analoġija mal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex toħloq ġustizzja bejn il-partijiet. Fl-umli fehma ta' l-esponenti l-istess għandu jiġri fil-kawża odjerna. B'hekk fil-kawża preżenti, għalkemm in prinċipju l-benefikati li għamlu l-konvenuti jistgħu jitiqiesu bħala li għandhom jiġu sopportati mill-kontendenti kollha, għandu jingħad li l-istess benefikati gawdew minnhom il-

konvenuti stess, jekk mhux esklużivament, in kwantu jidher li l-art kienet tinħadem minnhom biss. Inoltre, huma kienu jafu wkoll li t-titolu tagħhom mhuwiex wieħed permanenti jew esklussiv. In ogni każ, il-konvenuti naqsu milli jġibu prova ta' kemm swewlhom il-benefikati li huma jgħidu li għamlu u naqsu wkoll milli jindikaw meta għamlu dan. L-unika riferenza għaż-żmien ta' meta saret xi twittija bil-ħamrija għamilha l-konvenut Pawlu Sammut fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2006 fejn jgħid li t-twittija tal-ħamrija seħħet fi żmien il-gwerra u għaldaqstant żmien twil ilu. Madankollu ma jirriżultax ċar jekk din it-twittija li semma Paolo Sammut tirreferix ukoll għall-ħamrija li Paolo u Bertu Sammut daħħlu fl-għalqa Tad-Dahar l-Abjad kif intqal iktar 'il fuq.

Di piu', peress li skond il-pjan ta' qasma li ħejja l-perit Tekniku AIC Frederick Doublet, il-porzjon B minn din l-għalqa, kif ukoll l-għalqa kollha 'Ta' Quddiem ir-Razzett' sejra tiġi assenjata lill-konvenuti, jew ossija lit-titolari fosthom, u peress li s-sebgħin trakk li semma Bartolomeo ddaħlu fl-għalqa 'Ta' Quddiem ir-Razzett', jidher li l-benefiċċju ta' l-istess ħamrija sejrin jibqgħu jgawduh il-konvenuti mentri l-attur mhux ser jibbenefika minn dan.

**I. Għaldaqstant, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li t-tielet eċċezzjoni relattiva għat-talba għal kumpens għall-benefikati magħmulin mill-konvenuti għandha tiġi miċħuda.**

**E. Formazzjoni u Qsim ta' l-ishma**

Ii. **Illi, salv li jiġu kkonfermat min mill-konvenuti huwa preċiżament it-titolari tan-nofs indiviż ta' l-għelieqi individwali skond il-kuntratti li ma ġewx preżentati, l-esponenti jassoċja ruħu mal-pjan ta' qasma stabbilit mill-perit tekniku AIC Frederick Doublet.**

Iii. Illi l-esponenti jixtieq jiċċara punt wieħed fir-rigward ta' l-għelieqi Tad-Dahar l-Abjad u Ta' Quddiem ir-Razzett li l-perit tekniku AIC Frederick Doublet ikkonkluda li

għandhom jinqasmu b'assenjazzjoni tal-porzjoni A lill-attur u tal-porzjoni B lill-konvenuti.

liii. Illi minkejja pjena konoxxenza li din l-assenjazzjoni mhix preċiżament in osservanza ta' l-Artikolu 510(1) tal-Kodiċi Ċivili li jippreskrivi t-tlugħ bix-xorti ta' l-ishma, madankollu jirriżulta li din l-assenjazzjoni, fir-rigward biss taż-żewġ għelieqi msemmijin, hija l-iktar qasma ekwa u ġusta.

liv. Illi infatti l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Grech et vs Anthony Grech et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ġunju 2005** fejn jingħad,
"*hu veru li l-artikolu 510 tal-Kodici Civili jistabilixxi li l-ishma iridu jigu mtellghin bix-xorti, pero', jirrizultaw cirkustanzi li jimmilitaw kontra li tigi adottata din il-procedura.*

*Fil-fatt intqal li minkejja l-qawwa ta' din ir-regola, madankollu, jibqa' dejjem miftuh ghall-Qorti li tqis ic-cirkustanzi jew fatti speci partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha qabel ma tapplikaha automatikament – ara "Azzopardi vs Zammit", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1962 (ara ukoll Kollez. Vol.XXXIII.II.32 u 190)*"

lv. Illi infatti bl-assenjazzjoni tal-porzjonijiet imsemmijin f'dawn iż-żewġ għelieqi, il-qasma tkun qiegħda tosserva wkoll it-tliet prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 502, 503 u 504 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu:
(a) kull komproprjetarju xorta jkun qiegħed jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura,
(b) il-konvenuti Bartolomeo u Paolo Sammut, peress li dawn għandhom razzett imiss mal-porzjoni B, jkunu qegħdin jikkonsolidaw il-proprjetà tagħhom (għalkemm talba f'das-sens ma jidhirx li saret mill-konvenuti);
(c) jiġi evitat li l-għalqa Ta' Quddiem ir-Razzett, b'mod partikolari, tinqasam fi bċejjeċ żgħar, possibbilment ukoll b'ħolqien ta' servitujiet;
(d) il-parti l-kbira mill-benefikati li l-konvenuti għamlu fiż-żewġ għelieqi, u ċioe' l-garaxx u ħamrija fl-għalqa Tad-

Dahar l-Abjad u l-ħamrija fl-għalqa ta' Quddiem ir-Razzett jibqgħu jgawduhom huma stess, u jiġi evitat dismembrament ta' l-istess.

### 5. Spejjeż

lvi. Illi kif inhu risaput "*f'divizjoni l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati bejn il-kontendenti fil-proporzjon ta' l-interess rispettiv*" (**Stella mart Joseph Scicluna vs Carmelo Grech pro et noe deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003)**. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Emmanuela Mallia vs George Zammit noe mogħtija fl-20 ta' Marzu 1953 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili**.

lvii. Fis-sentenza **Stella mart Joseph Scicluna vs Carmelo Grech pro et noe deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003**, il-Qorti qalet ukoll li jeżistu pero` eċċezzjonijiet għal din ir-regola
"*In fatti kif skopert fid-decizjoni fl-ismijiet "G. Bonnici –vs- G. Zammit", 2 ta' Mejju 1873, riportata a Vol. 565 Pagna 565, "tuttavia cio` non ha luogo quando la divisione non viene fatta per colpa di uno degli interessati in opposizione al volere di tutti gli altri.*"

lviii. **Illi l-esponenti jagħmel riferenza għall-konklużjoni tiegħu fuq l-ewwel eċċezzjoni u jidhirlu li peress li din kienet l-oġġezzjoni prinċipali tal-konvenuti, u peress li l-istess oġġezzjoni kienet fil-fatt riżolvibbli anke jekk wieħed iħares u janalizza l-kuntratt li bih il-konvenut Bartolomeo Sammut stess kien akkwista sehemu mill-istess proprjetajiet li fuqhom qamet din l-oġġezzjoni, il-konvenuti għandhom ibatu piż ikbar mill-ispejjeż tal-kawża odjerna. L-esponenti jidhirlu li jkun ġust li l-konvenuti ibatu żewġ terzi mill-ispejjeż tal-kawża, mentri l-attur ibati terz. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti jinsabu sokkombenti fl-eċċezzjonijiet tagħhom kollha."**

Ikkunsidrat :

Illi peress illi l-Qorti tara illi l-perit legali sejjes ir-relazzjoni tieghu fuq principji legali korretti in linja mad-duttrina addottata mill-Qrati u in linja ukoll mal-gurisprudenza nostrana il-Qorti qeghda taddotta u taghmel taghha l-istess konsiderazzjonijiet kollha tal-perit legali minnha mahtur u a skanz ta’ ripetizzjoni tirreferi ghall-imsemmija konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet kollha tal-perit legali.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tiddeciedi u taqta l-kawza bil-mod kif gej : billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti tilqa t-talbiet attrici fis-sens illi :

(a) l-għalqa li tinsab fil-kontrada tal-Għallis sive tas-Salini limiti tan-Naxxar imsejħa 'Ta'/Tal-Felicia' bħala libera u franka, tiġi maqsuma fiż-żewġ porzjonijiet stabbiliti mill-perit tekniku Frederick Doublet u l-attur *qua* proprjetarju ta' nofs indiviż, u l-konvenuti Bartolomeo u Paolo Sammut *qua* proprjetarji tan-nofs indiviż l-ieħor, jieħdu sehem kull wieħed imtella' bix-xorti;

(b) l-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-konċessjoni emfitewtika ta' ħamsin (50) sena li bdew jgħoddu mill-25 ta' Diċembru 1960 taż-żewġ porzjonijiet diviżi ta' raba' msejħin 'Tad-Dahar l-Abjad' (li fiha għandha tinkludi wkoll l-ilsien disputat) u 'Ta' Quddiem ir-Razzett', it-tnejn flimkien soġġetti għaċ-ċens temporanju ta' tmien liri Maltin fis-sena jiġu maqsumin fiż-żewġ porzjonijiet 'A' u 'B' stabbiliti mill-perit tekniku AIC Frederick Doublet fir-rapport tieghu, b'dana illi l-porzjoni A tiġi assenjata lill-attur, mentri l-porzjoni B tiġi assenjata lill-konvenuti Bartolomeo Sammut, Peter Sammut u Carmelo Sammut. Iċ-ċens temporanju jinqasam erba' liri Maltin Lm4.00 fis-sena ekwivalenti ghal disa euro u tnejn u tletin euro centezmu (€9.32) fis-sena kull porzjoni;

(ċ) l-għalqa li tinsab fil-kontrada tal-Għallis sive tas-Salini limiti tan-Naxxar imsejħa 'Ix-Xagħra' soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' hdax il-euro u sitt euro centezmu (€11.06), ekwivalenti erba liri u ħamsa u

sebgħin ċenteżmu Maltin (Lm4.75c) fis-sena u redimibbli a bażi ta' mija u sittax il-euro u seba u erbghin euro centezmu (€116.47) ekwivalenti ghal ħamsin lira Maltija (LM50) it-tomna tinqasam fiż-żewġ porzjonijiet stabbiliti mill-perit tekniku Frederick Doublet fir-rapport tieghu u l-attur *qua* proprjetarju ta' nofs indiviż, u l-konvenuti Bartolomeo Sammut, Peter Sammut u Nazzareno sive Leslie Sammut *qua* proprjetarji tan-nofs indiviż l-ieħor, jieħdu sehem kull wieħed imtella' bix-xorti;

(d) l-għalqa li tinsab fil-kontrada tal-Għallis sive tas-Salini limiti tan-Naxxar imsejħa 'Ix-Xagħra tat-Talar' bħala libera u franka tinqasam fiż-żewġ porzjonijiet stabbiliti mill-perit tekniku Frederick Doublet fir-rapport tieghu u l-attur *qua* proprjetarju ta' nofs indiviż, u l-konvenuti Bartolomeo Sammut, Peter Sammut u Nazzareno sive Leslie Sammut *qua* proprjetarji tan-nofs indiviż l-ieħor, jieħdu sehem kull wieħed imtella' bix-xorti;

Illi għar-raġunijiet kif esposti fir-relazzjoni tal-perit legali l-ispejjeż għandhom jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mill-konvenuti u in kwantu ghal terz mill-attur.

Il-Qorti tinnomina lil Dottor Christine Abela bhala Nutar sabiex tippubblika l-att opportun u lil Dottor Patrick Valentino u PL Liliana Buhagiar bhala kuraturi sabiex jipprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------